**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 259/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Omar Zammit)**

**VS**

**AB**

**Illum is-27 ta’ Marzu, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat l-akkużi kontra:**
AB ta' 27 sena,

**Akkużat talli:**

Nhar 13 ta' Marzu 2025 għall-ħabta ta' bejn 14:00hrs u 15:30hrs ġewwa l-fond 18, St Joseph Flats, Flat 4, Triq id-Dgħajjes, Paola u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' CD (persuna li għandha tarbija komuni miegħu) f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess CD u cioe' feriti ta' natura ħafifa kif ċertifikat minn Dr. Stephanie Scerri u dan bi ksur ta' artiklu 221(1); 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

U aktar talli nhar 13 ta' Marzu 2025 /jew fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, f diversi nħawi fil-Gżejjer Maltin:

2. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil CD fil-pussess ta ħwejjiġha jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ CD u dan bi ksur ta' artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji u theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil CD, u dan bi ksur ta' artikolu 339(1)(e) tal- Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta.
4. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat u/jew għamel użu mhux xieraq bih u dan bi ksur ta' artikolu 49(a)(c) ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra AB għall-benefiċċju ta' CD, dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

I-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà CD dan u f'każ ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini ta' artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinflinġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat li l-Uffiċċjal Prosekutur qara u ikkonferma bil-ġurament iċ-ċitazzjoni fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2025;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni fis-seduta datata 22 ta’ Marzu 2025 u wara li l-Qorti tatu żmien biex jerġa jikkontempla l-ammissjoni tiegħu u jekk irid jerġa jkellem lill-avukat tiegħu meta reġa’ ġie mistoqsi huwa ikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat u l-fedina penali tiegħu u ma tħossx li l-imputat għandu jirċievi piena karċerarja effettiva, u dan anke wara li l-Qorti semgħet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li jkun aktar għaqli li flok l-imputat iservi żmien inkarċerat ikun mgħejjun biex jindirizza l-problemi li għandu.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 221(1), 222(1)(a), 202(h), 85(1), 339(1)(e) u 49(a)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat AB ħati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu, u wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, qegħda timponi ordni ta’ probation ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 447 tal-Liġijiet ta’ Malta għal żmien tlett (3) snin mil-lum u timponi ordni ta’ trażżin ai termini ta’ l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għal perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum fejn il-persuna protetta hija dik ta’ CD, b’eċċezzjoni li l-ħati jista’ jikkomunika magħha biss dwar in-neċessitajiet tal-minuri binthom EF.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**